# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1013/14/1 LM**

**Dr Marco A. Ciliberti bħala mandatarju speċjali ta' I.T.A.L. – T.V.T. srl soċjetà estera reġistrata l-Italja bin-numru IT02489330395**

**v.**

**C. Fino & Sons Limited (C 2468)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Dr. Marco Ciliberti bħala mandatarju speċjali ta' I.T.A.L.- T.V.T. SRL fit-12 ta' Novembru, 2014, li permezz tiegħu jingħad kif ġej:

> "Illi permezz ta' kuntratt ta' appalt tat-3 ta' Settembru, 2014, is-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited inkarigat lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. sabiex tforni materjal u tesegwixxi xogħlijiet fil-bini tal-parlament il-ġdid fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta;

Illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited ħallet il-kuntratt ta' appalt kemm fid-dritt ai termini tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, liema ħall jirriżulta wara l-intavolar ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1694/14/LSO u dan kif jirriżulta mir-risposta tas-soċjetà intimata, u kif ukoll fil-fatt, tant illi l-istess xogħlijiet ġew sub-appaltati lil terzi li għamlu użu mill-materjal fornit ai termini tal-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet, biex b'hekk ma għadux possibbli li s-soċjetà rikorrenti tesegwixxi x-xogħlijiet intiżi fil-ftehim ta' bejn il-partijiet;
Illi l-ħall tal-kuntratt ta' appalt da parti ta' C. Fino & Sons Limited sar mingħajr ebda raġuni valida:
Illi għalhekk, in vista tal-ħall tal-kuntratt mingħajr raġuni valida, is-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited hija obbligata li tħallas lis-soċjetà rikorrenti I.T.A.L.-T.V.T. srl l-ispejjeż kollha flimkien max-xogħol kollu li għamlet is-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl u wkoll somma oħra likwidata minn din l-Onorabbli Qorti li ma teċċedix il-qligħ li s-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl prospettat, prova fir-rigward ta' liema spejjeż, xogħol u qliegħ prospettat ser jinġiebu fil-mori ta' smigħ ta' din il-kawża;
Illi inoltre, bl-aġir tagħha, is-soċjetà C. Fino & Sons Limited rrekat danni lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża:

Għaldaqstant, tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta C. Fino & Sons Limited għaliex din il-Qorti m'għandhiex, għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited ħallet il-kuntratt ta' appalt li jġib id-data tat-3 ta' Settembru, 2014 li hija kienet ikkonkludiet mas-soċjetà I.T.A.L. - T.V.T srl;
2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited ma kellhiex raġuni valida sabiex tħoll il-kuntratt ta' appalt mas-soċjetà I.T.A.L.- T.V.T. srl li jġib id-data tat-3 ta' Settembru, 2014;
3. Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited għandha tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl l-ispejjeż kollha minnha inkorsi;
4. Tillikwida jekk ikun meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi, l-ispejjeż kollha inkorsi mis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl u konsegwentement tordna lis-soċjetà C. Fino & Sons Limited tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl is-somma hekk likwidata rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi;
5. Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited għandha tħallas ukoll lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl tax-xogħol kollu esegwit qabel il-ħall tal-kuntratt ta' appalt mis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl;
6. Tillikwida, jekk ikun meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi, il-valur tax-xogħlijiet kollha esegwiti mis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl u konsegwentement tordna lis-soċjetà C. Fino & Sons Limited tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl is-somma hekk likwidata rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet esegwiti;
7. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited għandha tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl is-somma meqjusa li ma teċċedix il-qligħ li s-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl setgħet

prospettat, u dan ai termini tal-artikolu 1639(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tillikwida, jekk ikun meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi, dik is-somma li din il-Qorti tqis meqjusa fiċ-ċirkostanzi, u li ma teċċedix il-qligħ li s-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl setgħet prospettat u konsegwentement tordna lis-soċjetà C. Fino & Sons Limited tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl tali somma hekk likwidata ai termini tal-artikolu 1639(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata C. Fino & Sons Limited rrekat danni lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl, liema danni għandhom jiġu risarċiti skont il-liġi;

10. Tillikwida, jekk ikun meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha li s-soċjetà C. Fino & Sons Limited rrekat lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T srl u konsegwentement tordna lis-soċjetà C. Fino & Sons Limited tħallas lis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl tali somma hekk likwidata u rappreżentanti danni sofferti mis-soċjetà I.T.A.L.-T.V.T. srl;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata rappreżentanti ta' liema huma minn issa inġunti in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta C. Fino & Sons Limited ippreżentata minnha fil-5 ta' Diċembru, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma kompletament inveritieri u infondati u din l-azzjoni hija biss intiża biex tivvessa lis-soċjetà esponenti:

i. Illi naturalment mhuwiex ikkontestat li s-soċjetà attriċi ħadet appalt mingħand is-soċjetà esponenti sabiex is-soċjetà attriċi tforniha b'materjal u tesegwixxi xogħol fil-bini tal-parlament il-ġdid fil-Belt Valletta u dan skont il-kuntratt ta' appalt datat 3 ta' Settembru, 2014 (kopja annessa bħala Dok. CFS01), iżda assolutament mhuwiex minnu illi lilha dan inħall wara l-intavolar ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1694/14/LSO jew illi dan inħall da parti tas-soċjetà intimata mingħajr ebda raġuni valida;

ii. Illi dak li effettivament ġara huwa li, minkejja l-obbligu ċar impost fuq is-soċjetà attriċi li tesegwixxi '*tutte le lavorazioni con la massima attenzione e professionalità rispettando le tempistiche'* (vide l-aħħar artikolu tal-kuntratt anness), fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt, ix-xogħol esegwit ma sarx sewwa u skont kif titlob l-arti u s-sengħa, hekk kif miftiehem u rikjest; huwa ta' min jinnota li fl-appalt in kwistjoni l-element li kellu l-iżjed valur kien ix-xogħol u mhux il-materjal supplit;

iii. Illi s-soċjetà esponenti ripetutament ġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà attriċi b'din il-mankanza, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub;

iv. Illi, di fatti, is-soċjetà The Grand Harbour Regeneration Corporation plc (C42094), is-soċjetà proprjetà tal-Gvern Malti li ngħatat ir-responsabbilità illi tappalta, u konsegwentement tiċċertifika, ix-xogħlijiet neċessarji għall-bini tal-parlament il-ġdid, wara spezzjoni bir-reqqa, permezz ta' ittra (kopja annessa bħala CFS02) ma aċċettatx u ma ċċertifikatx ix-xogħol li kienet esegwiet is-soċjetà attriċi;

v. Illi mhux talli s-soċjetà attriċi ma esegwietx ix-xogħol kif miftiehem u mhux skont l-arti u s-sengħa, iżda talli wara li s-soċjetà esponenti attirat l-attenzjoni tas-soċjetà attriċi dwar il-fatt illi x-xogħlijiet ma kinux ġew aċċettati minn The Grand Harbour Regeneration Corporation plc, is-soċjetà attriċi refgħet ix-xogħol, ġabret l-għodda u xi materjal li kienu jinsabu fuq is-sit tal-parlament il-ġdid u salpat bla dewmien lejn l-Italja;

vi. Illi għaldaqstant il-kuntratt ta' appalt surriferit ittermina bl-abbandun tal-appaltatur (ossia tas-soċjetà attriċi) tal-kuntratt t'appalt;

vii. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalsiasi każ, is-soċjetà esponenti kellha kull raġuni valida, tajba u suffiċjenti fil-liġi sabiex tħoll il-kuntratt t'appalt stante illi x-xogħlijiet ma sarux kif miftiehem, sewwa u skont l-arti u s-sengħa;

viii. Illi, sadanittant, is-soċjetà esponenti kienet ġia ħallset lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmenin elf Euro (€80,000) somma li kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' smigħ ta' din il-kawża, ferm teċċedi l-valur tax-xogħlijiet esegwiti, u tal-materjali forniti, sal-mument tal-abbandun tal-kuntratt ta' appalt mis-soċjetà attriċi;

ix. Illi, suċċessivament, peress illi s-soċjetà esponenti kienet marbuta b'kuntratt ma' The Grand Harbour Regeneration Corporation plc, illi tlesti x-xogħlijiet li għalihom kienet daħlet is-soċjetà attriċi fi żmien prefissat, is-soċjetà esponenti kellha bilfors, sabiex tonora l-obbligi tagħha ma' The Grand Harbour Regeneration Corporation plc, tissubappalta l-istess xogħol lil soċjetà oħra – b'riżultat li s-soċjetà esponenti ġarrbet spejjeż ulterjuri u danni oħra li faċilment setgħu jiġu evitati li kieku s-soċjetà attriċi rrispettat dak miftiehem u esegwiet ix-xogħlijiet b'arti u sengħa;

2. Illi wara li terġa' tisħaq dak ribadit supra, is-soċjetà esponenti hija ta' fehma konvinta li din l-Onorabbli Qorti għandha ssib illi assolutament mhuwiex minnu illi s-soċjetà esponenti ħallet il-kuntratt ta' appalt mingħajr raġuni valida u illi hija ġarrbet spejjeż u sofriet danni b'riżultat tat-terminazzjoni tal-kuntratt t'appalt.

> Pjuttost, kienet is-soċjetà esponenti illi nkorriet spejjeż u sofriet danni b'riżultat tal-kwalità tax-xogħlijiet esegwiti u tal-konsegwenti abbandun tal-kuntratt t'appalt, għal liema danni u spejjeż is-soċjetà esponenti qiegħda żżomm lis-soċjetà attriċi responsabbli.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, inkluż dawk relatati mal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1694/14/LSO u mal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1677/2014/LSO, li qiegħda minn issa stess tiġi inġunta għas-subizzjoni tagħha. Is-soċjetà esponenti tirriserva d-drittijiet kollha tagħha fil-liġi fil-konfront tas-soċjetà attriċi."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Settembru, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

> "1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, partikolarment dawk marbuta mal-fatti kif ġraw, u tikkonkludi li mhuwiex minnu li l-kuntratt ta' appalt li jġib id-data tat-3 ta' Settembru, 2014 ġie tterminat mingħajr ebda raġuni valida da parti tas-soċjetà konvenuta;
> 2. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, is-seba', it-tmienja, id-disa', u l-għaxar talba tas-soċjetà attriċi;
> 3. Tilqa' t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba attriċi, u tillikwida l-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta rappreżentanti spejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi bħala appaltatriċi u l-valur tax-xogħol li sar minnha, fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf, tmien mija u ħamsa u ħamsin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€42,855.66) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata.
>
> Tordna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet rassenja tax-xhieda relevanti miġbura tul il-proċeduri, kif ukoll għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet legali:

> "Hekk illustrati l-punti ewlenin li joħorġu mix-xhieda, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra d-diversi talbiet tas-soċjetà attriċi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali li huma applikabbli għall-provi mressqa f'din il-kawża, li fil-parti kbira tagħhom kienu ta' natura teknika. It-talbiet ewlenin tas-soċjetà attriċi jippernjaw madwar il-kuntratt ta' appalt maqbul bejn il-partijiet fil-kawża u jekk kienx il-każ li dan il-kuntratt ġie xolt b'mod prematur, kienx hemm raġuni valida biex dan il-kuntratt jiġi xolt da parti tas-soċjetà konvenuta, hemmx lok da parti tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi u għax-

xogħol eżegwit, u jekk hemmx lok għall-ħlas ta' danni lis-soċjetà attriċi għal telf ta' qligħ allegatament soffert minnha.

M'hemmx kontestazzjoni li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata minn kuntratt ta' appalt bid-data tat-3 ta' Settembru, 2014, li fih il-partijiet qablu li s-soċjetà attriċi għandha tforni, mill-fabbrika li hi għandha fl-Italja, l-materjal intiż biex jintuża fis-suffitt tas-sala tal-Parlament il-ġdid, konsistenti minn numru ta' pannelli lkoll ta' daqs *standard,* teffettwa l-qtugħ tal-pannelli skont l-ispeċifikazzjonijiet mgħoddija lilha, wara li taħdem fuqu f'fabbrika hawn Malta li tpoġġiet għad-dispożizzjoni tagħha proprju għal dan l-iskop, u wara li jsir xogħol ta' tlestija ('finishing') fuq l-istess materjal minn terzi, tgħaddi biex tinstalla l-istess pannelli fis-sit tal-Parlament il-ġdid fil-Belt Valletta. L-istess ftehim jirregola l-pagamenti li s-soċjetà konvenuta ntrabtet li tivversa lis-soċjetà attriċi f'fażijiet varji tal-proġett.

Jirriżulta mill-provi, li l-problemi bil-materjal fornut mis-soċjetà attriċi bdew ftit wara li dan twassal Malta u ttieħed fil-fabbrika ta' E&L Enterprises Limited, fejn il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi li nġiebu mill-Italja u li kienu ser jagħmlu x-xogħol ta' qtugħ, irrealizzaw li l-fabbrika u l-għodda li tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom biex jaqtgħu l-materjal ma kinux adegwati. Minkejja dan, il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi xorta bdew bil-proċess tal-qtugħ tal-materjal, li rriżulta li kellu jitlesta f'terminu ta' żmien qasir ħafna. Il-Qorti hi konvinta minn dak li semgħet bħala provi, li tant kien hemm pressjoni biex il-qtugħ tal-materjal isir fit-terminu ta' żmien prestabbilit, li minkejja li x-xfafar li bdew jintużaw mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi ma baqgħux daqstant tajbin wara li kien inqata' ammont ta' materjal, ix-xogħol tal-qtugħ baqa' għaddej, bir-riżultat li ħafna mill-pannelli kellhom tixlif, ondulazzjonijiet u ma kinux maqtugħa lixxi, tant li kien hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' stokkjar u xogħol ieħor fuqhom. Il-Qorti semgħet lix-xhud Joe Camilleri jgħid li f'dan l-istadju kien diġà ġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema tas-soċjetà attriċi li kellhom jaħdmu bir-rigla, li l-Qorti fehmet li kienet fost l-għodda li l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, iżda dawn irrifjutaw li jagħmlu użu minn din l-għodda, bir-riżultat li l-materjal maqtugħ ma kienx aċċettabbli għall-klijent. Din is-sitwazzjoni wasslet lill-espert tekniku Marie Louise Caruana Galea għall-konklużjoni li l-qtugħ ma sarx skont is-sengħa u l-arti, fatt dan li hemm qbil dwaru bejn il-partijiet fil-kawża, stante li kemm xhieda prodotti mis-soċjetà attriċi, kif ukoll xhieda prodotti mis-soċjetà konvenuta, qablu li l-prodott ma kienx wieħed li seta' jitqies aċċettabbli, għalkemm kull wieħed minn dawn xhieda ta raġunijiet differenti għal dan. Din is-sitwazzjoni wkoll issarrfet f'ħafna xogħol iżjed milli kien maħsub għas-subappaltatur Joe Camilleri (E&L Enterprises Limited) u l-ħaddiema fil-fabbrika tiegħu, li kellhom jagħmlu ħafna aktar xogħol milli kien maħsub fuq il-materjal fornut f'tentattiv biex jirrenduh aċċettabbli għall-iskop li għalih kien maħsub li jintuża. Minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, u minkejja d-dewmien biex il-materjal twassal fuq is-sit tal-Parlament il-ġdid fejn kellu jiġi installat, il-proġett daħal f'fażi fejn kellha tibda l-installazzjoni tal-

pannelli. Hekk kif bdew jitwaħħlu l-ewwel pannelli, id-difetti fil-pannelli kienu viżibbli tant li x-xogħol mill-ewwel ma ġiex iċċertifikat mill-periti inkarigati mill-proġett, bil-konsegwenza li s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li ma twettaqx it-tieni pagament li kellha tivversa lis-soċjetà attriċi skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-appalt. L-impjegati tas-soċjetà attriċi wara jiem ta' diskussjonijiet u tilwim f'tentattiv biex tinstab soluzzjoni, ma marrux aktar fuq il-lant tax-xogħol, u wara xi ġranet saħansitra ġabru l-għodda u l-materjal li kellhom, kif ħareġ mix-xhieda mogħtija. Fil-fatt minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li sabiex ix-xogħlijiet tlestew entro t-terminu ta' żmien pattwit mal-klijent, kellhom jiġu ingaġġati subappaltaturi oħrajn li reġgħu ħadmu fuq il-pannelli fornuti mis-soċjetà attriċi, u kienu dawn li lestew ix-xogħol skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Jidher ċar li l-appalt li s-soċjetà attriċi kienet ingaġġata biex teżegwixxi ma ġiex eżegwit fl-interezza tiegħu, bil-partijiet jagħtu l-interpretazzjonijiet varji tagħhom għal dan, u bis-soċjetà attriċi tallega li l-appalt inħall da parti tas-soċjetà konvenuta meta din naqset milli tagħmel il-pagamenti maqbula bejn il-partijiet u sussegwentment ġabet subappaltaturi oħrajn biex ilestu huma x-xogħol li kien maħsub li jsir mis-soċjetà attriċi. Id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta jallegaw min-naħa tagħhom li kienet is-soċjetà attriċi li abbandunat ix-xogħol u konsegwentement kellhom jinġiebu ħaddiema oħra biex ix-xogħol isir entro t-terminu ta' żmien stipulat mill-klijent.

Fis-sistema legali nostrana huwa ben stabbilit li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, anki jekk ix-xogħol ikun diġà beda[1] u li sabiex jinħall il-kuntratt, huwa suffiċjenti li l-appaltatur jingħata avviż ta' terminazzjoni tal-ftehim bilaterali eżistenti bejn il-partijiet, anki jekk dan isir bil-fomm. Dan il-prinċipju ta' dritt huwa deroga għall-prinċipju ewlieni li f'kuntratt bilaterali l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' b'mod unilaterali tħoll rabta kontrattwali magħmula ma' parti oħra.[2] Fis-sentenza fl-ismijiet Wayne u Helena konjugi Chetcuti vs. Raymond Borg[3], ġie stabbilit illi:

> *"Il-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest,*
> *'tale diritto puo essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che può essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento.'*
> *Illi madanakollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-*

---

1 Artikolu 1640(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
2 Ara s-sentenza fl-ismijiet Barbara vs. Morana et, Kumm. 21.10.1954.
3 P.A., 29.09.2011.

*xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utilità li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu.*

*Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. ... bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma', joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien esaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem ...";*

Minn evalwazzjoni ta' dak li ddeponew diversi xhieda quddiem din il-Qorti, kif ukoll minn dak li kkonstatat il-perit tekniku maħtur mill-Qorti, jidher ċar li s-soċjetà attriċi ma qdietx l-inkarigu afdat lilha skont is-sengħa u l-arti, u li x-xogħol ta' qtugħ, li sar qabel kull xogħol jew proċess ieħor li kien meħtieġ li jsir fuq il-materjal qabel dan seta' jiġi installat, ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Il-Qorti kkunsidrat ukoll it-tweġibiet li tat l-espert tekniku Marie Louise Caruana Galea fiż-żewġ eskussjonijiet li sarulha, u nnutat l-ispjegazzjonijiet mogħtija u l-fatt li l-konklużjonijiet raġġunti minnha baqgħu konsistenti, u għalhekk ma tqisx li għandha tiddipartixxi minnhom.

Il-Qorti hawnhekk ma tqisx li għandha tidħol fil-mertu tal-kwistjoni dwar jekk ix-xogħol li sar minn E&L Enterprises Limited kienx wieħed adegwat fuq it-tip ta' materjal fornut, jew kienx hemm xi rimedju ieħor li seta' jiġi adottat minflok ix-xogħol ta' tlestija (*finishing)* li sar da parti ta' din is-subappaltatriċi mqabbda mis-soċjetà konvenuta, għaliex f'dan l-istadju hi konvinta li fl-ewwel lok, is-soċjetà attriċi m'għamlitx ix-xogħol ta' qtugħ skont kif titlob is-sengħa u l-arti, tant li l-materjal fornut lil E&L Enterprises Limited kien fih diversi difetti viżibbli, li kien jeħtieġ li jsir ħafna xogħol fuqu sabiex jiġi kkunsidrat għall-installazzjoni fis-sit. Dan ix-xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti kien il-kaġun li ddewmu stadji oħrajn tal-proġett, tant li minn dak li xehed Joe Camilleri, kellhom isiru diversi kambjamenti fuq il-pannelli fornuti f'tentattiv sabiex jiġu eliminati d-diversi difetti fuq il-prodott ikkonsenjat lis-subappaltatriċi E&L Enterprises Limited li kellha taħdem fuq it-'tlestija' tal-pannelli. Minkejja dawn il-problemi, is-soċjetà konvenuta xorta waħda ma infurmatx lis-soċjetà attriċi li kienet qiegħda taddivjeni għall-ħall tal-kuntratt bejn il-partijiet, u l-proġett mexa għall-istadju tal-installazzjoni tal-pannelli da parti tas-soċjetà attriċi. Hemmhekk kien bil-wisq evidenti li l-prodott finali ma kienx aċċettabbli u li l-finitura tal-pannelli ma kinitx sejra tippermetti li x-xogħol imwaħħal ikun pulit u uniformi kif kien rikjest mill-klijent. Kien hawnhekk li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet ikkulminaw sal-punt li ġie deċiż li l-pannelli jerġgħu jiġu

sottomessi għal proċess ta' finishing mill-ġdid, li kien jinvolvi saħansitra l-qtugħ ta' partijiet mit-truf tagħhom u rinfurzar bil-metall, bl-opra ta' subappaltaturi oħrajn ingaġġati mis-soċjetà konvenuta, u li ma jiġux ivversati aktar ħlasijiet lis-soċjetà attriċi, u dan ġie segwit bil-waqfien mix-xogħol da parti tas-soċjetà attriċi li infurmat lill-ħaddiema tagħha li jekk ma kienx ser ikun hemm ħlas ta' mija u għoxrin elf Euro (€120,000) li kienu dovuti lilha skont it-termini ta' dak maqbul bejn il-partijiet, hija ma kinitx ser tkompli bil-proġett fuq is-sit tal-Parlament.

In vista tal-premess, il-Qorti tinsab konvinta li s-soċjetà konvenuta kellha raġuni valida sabiex ittemm l-inkarigu mogħti lis-soċjetà attriċi, anki jekk ma jirriżultax mill-provi li xi ħadd mid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta ivverbalizza jew ikkomunika dan b'xi mod lis-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant, il-kwistjoni li din il-Qorti jifdlilha biex tiddeċiedi dwarha, hi dik li taqa' taħt l-artikolu 1640 (3) tal-Kap. 16, li jistabbilixxi illi:

> *"Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra."*

Minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet għamlet ħlas fl-ammont ta' tmenin elf Euro (€80,000) fl-istadju inizjali tar-relazzjoni tagħha mas-soċjetà attriċi. Jirriżulta wkoll, li l-materja prima fornuta mis-soċjetà attriċi, minkejja li kellu jsir xogħol estensiv fuqha sabiex setgħet eventalment tintuża mis-soċjetà konvenuta, fl-aħħar mill-aħħar intużat u l-parti l-kbira tal-pannelli installati fis-sit tal-Parlament il-ġdid huma pannelli li ġew ipprokurati mingħand is-soċjetà attriċi. Hu ġustifikat għaldaqstant li s-soċjetà konvenuta tħallas għal dan il-materjal u għall-ispejjeż kollha li għamel l-appaltatur, inkluż l-ispejjeż li saru sabiex dan il-materjal inġieb Malta. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għad-diversi dokumenti esebiti mal-affidavit ta' Otello Tarducci[4], sabiex tistabbilixxi x'kienu l-ispejjeż li għamlet is-soċjetà attriċi u sabiex tasal għall-valur tax-xogħol ipprestat minnha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-pretensjonijiet li ressqet is-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha, b'elenku tal-ispejjeż li din qiegħda tippretendi li l-Qorti tillikwida fir-rigward tagħha. Il-Qorti tirrileva illi l-komputazzjoni matematika li għamlet is-soċjetà attriċi, fejn pereżempju ġie allegat li s-salarji ta' Tarducci, Cineri, Ancarani u Regnoli jlaħħqu €79,466.91, ma ssib l-ebda sostenn fil-provi prodotti, u li d-dokumenti li tagħmel riferiment għalihom s-soċjetà attriċi stess, dawk immarkati Dok. OT16 sa OT20 jindikaw li s-salarji mħallsa lil dawn l-individwi kienu ta' €34,575.78.

Il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti kollha esebiti mal-affidavit ta' Otello Tarducci, u filwaqt li jirriżulta li huwa korrett l-ammont ta' €88,279.88

[4] A fol. 102 sa fol. 222 tal-proċess.

rappreżentanti spejjeż għax-xiri tal-materjal, trasport, skafolding, pjattaforma, spejjeż għad-disinn u pjanti li ħadmu fuqhom impjegati tas-soċjetà attriċi, imkien ma ssib sostenn, pereżempju, għall-pretensjoni tas-soċjetà attriċi li sar ħlas ta' €44,921.13 għall-ħaddiema pprokurati tramite s-soċjetà UMANA SpA, jew li dawn il-ħaddiem tabilħaqq inġiebu Malta. L-unika dokumentazzjoni li ġiet prodotta f'dan ir-rigward hija dik annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi, li tressqet fi stadju meta l-istadju tal-provi kien diġà magħluq u li għalhekk il-Qorti mhijiex se tieħu konjizzjoni tagħha, u meta mhux ċar mill-provi jekk il-ħaddiema pprokurati tramite UMANA SpA li kellhom jiġu Malta biex jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-pannelli nġabux jew le, u jekk dawn tħallsux jew le in vista tal-fatt li l-installazzjoni tal-pannelli ma tkomplitx mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi. Li hu żgur hu li s-soċjetà konvenuta kellha tingaġġa persuni hi biex jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-pannelli, u għaldaqstant hu meqjus li mhux ġustifikat li jsir ħlas lis-soċjetà attriċi għall-ħaddiema li hi tallega li ġabet Malta biex jaħdmu fuq l-installazzjoni. Il-Qorti tirrileva wkoll li anki l-komputazzjonijiet matematiċi mressqa mis-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, jirriżulta li huma skorretti, speċjalment fejn jintqal li, "L-ispiża totali għalhekk tlaħħaq is-somma ta' €1,657,877.79".

L-ispejjeż li l-Qorti ser tkun qiegħda tillikwida, huma l-ispejjeż tal-appaltatur u tal-valur tax-xogħol għall-fini tal-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir- rigward, u lil hinn miċ-ċifri elenkati mis-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ispejjeż marbuta mas-salarji ta' Tarducci, Cineri, Ancarani u Regnoli jammontaw għal €34,575.78 kif jirriżulta mid-dokumenti immarkati Dok. OT 16 sa OT 21 annessi mal-affidavit ta' Otello Tarducci. Inoltre, il-Qorti vverifikat li l-ispejjeż totali tal-materjali fornuti mis-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż għall-kiri ta' skafolding, pjattaforma, trasport tal-materjali, spejjeż għall-ivvjaġġar tal-ħaddiema biex waslu Malta mill-Italja, kif ukoll l-ispejjeż marbuta maż-żmien li dawn damu Malta, u l-ispejjeż marbuta max-xogħol ta' disinn u ppjanar li għamlu ħaddiema ta' I.T.A.L.-T.V.T. srl stess, kienu jammontaw għal tmienja u tmenin elf, mitejn u disgħa u sebgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€88,279.88) kif jidher ċar mid-dokument a fol. 116 tal-proċess u l-irċevuti annessi miegħu. Il-Qorti ma sabet ebda evidenza ta' xi spejjeż oħra li setgħet għamlet is-soċjetà attriċi b'rabta ma' dan l-appalt u dan minkejja li sabiex tagħti l-benefiċċju tad-dubju lis-soċjetà attriċi in vista tal-fatt li din għamlet is-sottomissjonijiet tagħha fin-nota tagħha li baqgħet mhix imwieġba mis-soċjetà konvenuta, fliet bir-reqqa l-atti tal-kawża għal diversi drabi, u tikkonkludi li l-pretensjonijiet ulterjuri tas-soċjetà konvenuta ma jirriżultax li dawn huma b'xi mod ġustifikati.

In vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta kienet diġà vversat l-ammont ta' tmenin elf Euro (€80,000) lis-soċjetà attriċi fl-istadju inizjali tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, jifdal għalhekk bilanċ ta' tnejn u erbgħin elf, tmien mija u ħamsa u ħamsin Euro u sitta u sittin ċenteżmu

> (€42,855.66) li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lis-soċjetà attriċi sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha marbuta mal-appalt u l-valur tax-xogħol ipprestat mis-soċjetà attriċi."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr. Marco Ciliberti *nomine,* li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza in kwantu ċaħdet l-ewwel, it-tieni, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar talbiet tas-soċjetà attriċi, billi minflok tilqa' l-istess talbiet u tirriformaha sa fejn ordnat lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż tal-proċedura, kif ukoll tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża u dan filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha laqgħet it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma likwidata permezz tal-istess sentenza, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà konvenuta C. Fino & Sons Limited, li permezz tagħha wieġbet li l-appell interpost mill-attur appellant għandu jiġi miċħud; kif ukoll rat li l-istess soċjetà konvenuta pprevaliet ruħha mill-appell prinċipali, sabiex tressaq l-appell inċidentali tagħha mill-istess sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Settembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn illikwidat il-kumpens dovut lis-soċjetà attriċi fis-somma ta' €42,855.66 u ordnat lis-soċjetà konvenuta tħallasha din is-somma, u tikkonfermaha fil-

bqija.  B'dan illi tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

7. Rat ir-risposta tal-appell ta' Dr. Marco Ciliberti *nomine* għall-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjetà rikonvenzjonanti u wara li tieħu konjizzjoni tal-appell prinċipali, tgħaddi sabiex tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw kemm l-appell prinċipali, kif ukoll dak inċidentali, waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2023, meta l-appell baqa' differit għas-sentenza għal-lum.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

10. Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta` attriċi qiegħda tfittex dikjarazzjoni mingħand il-Qorti li s-soċjetà konvenuta ħallet kuntratt t'appalt li kien konkluż bejn il-kontendenti fil-kawża fit-3 ta' Settembru, 2014, u dan meta ma kellhiex raġuni valida sabiex tħoll l-istess kuntratt t'appalt; konsegwentement dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna tas-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lil dik attriċi l-ispejjeż kollha minnha

nkorsi; dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tal-valur tax-xogħlijiet mwettqa mis-soċjetà attriċi; dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' dak il-qligħ li s-soċjetà setgħet ipprospettat u dan skont ma jitlob l-Artikolu 1639(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tad-danni li s-soċjetà attriċi ġarrbet konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà konvenuta.

11. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi billi rriġettathom bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li fost affarijiet oħra jingħad minnha li x-xogħol ma ġiex eżegwit kif kien miftiehem, u mhux skont l-arti u s-sengħa, apparti li meta x-xogħlijiet ma ġewx aċċettati, is-soċjetà attriċi, permezz tal-ħaddiema tagħha, ġabru l-għodda u telqu lura l-Italja u għalhekk abbandunat il-kuntratt - kwindi kellha raġuni valida u tajba sabiex tħoll il-kuntratt t'appalt. Dan apparti li hija kienet laħqet ħallset lis-soċjetà attriċi €80,000 li teċċedi ferm il-valur tal-materjal fornit u tax-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà attriċi. Dan apparti li s-soċjetà konvenuta nkorriet l-ispejjeż u d-danni, peress li kellha tonora l-kuntratt li kellha mal-klijent u għalhekk kellha tagħti b'sub-appalt ix-xogħlijiet li kien għad fadal u għalhekk ġarrbet spejjeż ulterjuri sabiex jiġi rispettat il-ftehim u x-xogħlijiet jitwettqu skont l-arti u s-sengħa.

12. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fis-sens li mhuwiex minnu li l-kuntratt t'appalt datat 3 ta' Settembru, 2014,

ġie terminat mingħajr l-ebda raġuni valida u għalhekk filwaqt li ċaħdet uħud mit-talbiet attriċi, inkluż dawk marbuta mat-telf ta' qligħ prospettat u danni, laqgħet parti mit-talbiet tas-soċjetà attriċi u llikwidat il-bilanċ dovut lilha fl-ammont ta' €42,855.66 u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

13. Is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell prinċipali jissejjes fuq is-segwenti aggravji prinċipali:

(i) L-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi huwa li l-Ewwel Qorti rriteniet li s-soċjetà konvenuta kellha raġuni valida fil-liġi sabiex tħoll *ad nutum* il-kuntratt t'appalt preċedentement konkluż bejn il-partijiet, peress li s-soċjetà attriċi wriet nuqqas ta' ħila fis-sengħa u fl-arti fl-eżekuzzjoni tal-qtugħ ta' pannelli mis-soċjetà attriċi. Fil-fehma tas-soċjetà attriċi appellanti prinċipalment, l-Ewwel Qorti waslet għal dik il-konklużjoni żbaljata wara li :

(a) għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi u dan b'referenza għall-fatt li:

- Is-soċjeta E&L Enterprises Limited ma kenitx fil-fatt subappaltatur tagħha, tant li ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew mod ieħor bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà E&L Enterprises Limited u l-kuntratt bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà E&L Enterprises Limited huwa għaliha *inter res alios acta.*

- Dan apparti li, filwaqt li skont l-Ewwel Qorti d-difetti fil-qtugħ eżegwit mis-soċjetà attriċi bdew jidhru meta s-soċjetà E&L Enterprises Limited tat bidu għax-xogħlijiet ta' tlestija fuq il-pannelli, mentri mix-xhieda ta' Joe Camilleri nnifsu in rappreżentanza tas-soċjetà E&L Enterprises Limited, xehed li huwa seta' jara mal-ewwel li l-qtugħ tal-pannelli mis-soċjetà attriċi ma kienx qiegħed isir bil-mod li titlob is-sengħa u l-arti, iżda s-soċjetà konvenuta baqgħet ma kkontestatx dawn ix-xogħlijiet u għalhekk hija ssostni li l-ħall tal-appalt ma kienx għal raġuni valida, iżda sar b'mod kapriċċjuż.
- L-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta qieset li x-xogħlijiet li kellhom isiru mis- soċjetà E&L Enterprises Limited ma setgħux isiru fiż-żmien miftiehem, peress li kellu jsir xogħol li ma kienx previst sabiex il-pannelli jitqiesu aċċettabbli. L-Ewwel Qorti m'apprezzatx biżżejjed li l-għamla tal-pannelli kien strettament jeħtieġ l-installazzjoni ta' element perimetrali u dan għal żewġ raġunijiet:

  (I) mhuwiex skont is-sengħa u l-arti li jiġi miżbugħ jew stukkjat il-*polyurethane;* u

  (II) il-qtugħ tal-pannelli bl-idejn ma seta' qatt jassigura *il-linearità* assoluta u meħtieġa u li tinżamm distanza uniformi u kostanti ta' ftit millimetri bejn il-pannelli ladarba nstallati;
- Minkejja li l-Ewwel Qorti rriteniet li r-ritratti esebiti jindikaw id-difetti fix-xogħol mogħti mis-soċjetà attriċi, effettivament il-pannelli li jidhru fir-ritratti kien sar fuqhom xogħol da parti tas-soċjetà E&L

Enterprises Limited u din kienet ir-raġuni għala x-xogħlijiet ġew riġettati, mentri x-xogħlijiet rimedjali kienu jikkonsistu proprju f'dak li kellu jsir – l-installazzjoni ta' element perimetrali, stukkjar u żebgħa. Minkejja li s-soċjetà attriċi kienet enfasizzat fil-fażi tan-negozjati li l-qtugħ isir permezz ta' għodda mekkanizzata u speċjalizzata, kif jirriżulta mill-*email* tas-27 ta' Awwissu, 2014, is-soċjetà konvenuta rrifjutat dan – konsiderazzjoni li sfuġġiet lill-Ewwel Qorti. Hekk ukoll, lanqas ma jirriżulta li huwa minnu meta fis-sentenza appellata jingħad li kienu qegħdin jintbagħtu messaġġi lis-soċjetà attriċi li x-xogħol ma kienx aċċettabbli. Dan apparti li dak ix-xogħol li s-soċjetà E&L Enterprises Limited kienet tqis bħala "żejjed" u "rimedjali" mis-soċjetà konvenuta, kien meħtieġ peress li ma kienx skont is-sengħa u l-arti li jiġi stukkjat u miżbugħ il-*polyurethane.* Stabbilit ukoll li s-soċjetà konvenuta utilizzat l-istess pannelli maqtugħa mis-soċjetà attriċi, huwa ċar li t-terminazzjoni *ad nutum* da parti tas-soċjetà konvenuta kien biss mod konvenjenti kif hija tibqa' ma tħallasx dak li kien kuntrattwalment dovut minnha.

(b) adottat il-konklużjonijiet żbaljati tal-perit tekniku nominat minn dik il-Qorti, li wassluha għad-deċiżjoni żbaljata, meta fil-fehma tal-appellanti kellhom jiġu skartati fis-sħiħ.

(ii) L-aħħar aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti jitratta l-kap tal-ispejjeż, in kwantu l-Ewwel Qorti kkundannatha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża meta mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti laqgħet uħud mit-

talbiet attriċi u għalhekk mhuwiex ġust u ekwu li ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

14. Is-soċjetà konvenuta twieġeb l-appell prinċipali billi tiċħad li l-ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-provi quddiemha, peress li l-appellanti ma rnexxielux juri li kien hemm xi difett fatali jew xi żball insormontabbli da parti tal-Ewwel Qorti li timpinġi fuq il-konklużjonijiet li waslet għalihom, u li l-appellanti ma tagħti l-ebda raġuni valida għala l-Ewwel Qorti kellha tiddipartixxi mir-rapport peritali, dan meta l-prinċipju huwa li l-Qorti m'għandhiex tiskarta faċilment il-*giudizio dell'arte* sakemm ma tkunx sodisfatta li l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli.

15. Mentri l-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta jissejjes fuq l-aspett tas-sentenza li hija għamlet użu mill-materja prima fornita u għalhekk kien hemm kumpens dovut, mingħajr ma qieset li kien hemm xogħol estensiv meħtieġ fuq il-pannelli sabiex dawn jissewwew. Minkejja li hija ma ressqitx kontro-talba, fil-fehma tagħha dan ma kienx meħtieġ kunsidrat il-provvediment tal-Artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili li testwalment jipprovdi li kellu jittieħed qies tal-utilità tal-ispejjeż u x-xogħol lil min ikun ta x-xogħol, kif ukoll id-danni li dan ikun sofra. Kunsidrat ix-xogħlijiet rimedjali estensivi meħtieġa, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tipprezza x-xogħol daqslikieku dan kien intatt u skont is-sengħa u l-arti. Għalkemm

huwa minnu li s-soċjetà konvenuta għamlet użu mill-materja prima kkonsenjata mis-soċjetà attriċi, ssostni li s-salarji tal-ħaddiema kellhom jitnaqqsu mill-kont aħħari għaliex ix-xogħol li wettqu ma kien ta' ebda utilità. Għalhekk is-soċjetà konvenuta appellanti inċidentalment issostni li din il-Qorti għandha terġa' tillikwida l-kumpens dovut lis-soċjetà attriċi, billi tnaqqas mill-kont is-salarji u l-ispejjeż tal-ħaddiema tal-attriċi, kif ukoll li tieħu kont tal-ispejjeż konsiderevoli li hija nkorriet sabiex tirrendi utilizzabbli l-materjal imħolli mis-soċjetà attriċi. Għal dan il-għan, is-soċjetà konvenuta tippreżenta rendikont tal-ispejjeż li nkorriet f'dan is-sens mal-appell inċidentali tagħha.

16. Is-soċjetà attriċi, fir-risposta tagħha għall-appell inċidentali, titlob l-isfilz tad-dokumenti li ġew esebiti mal-appell inċidentali, kif ukoll filwaqt li tisħaq li hija wettqet l-appalt skont kif titlob l-arti u s-sengħa u li s-soċjetà konvenuta kienet fl-ewwel stadju aċċettat il-pannelli kif maqtugħa minnha, tant li la kkontestat u lanqas irriġettat ix-xogħol li hija kienet wettqet, u kienet fil-fatt bdiet tinstalla l-istess pannelli fil-bini tal-Parlament. Għalhekk is-soċjetà konvenuta ma setgħetx tistrieħ fuq ir-riġett tax-xogħol da parti tal-Grand Harbour Regeneration Corporation bħallikieku dan kien ir-riġett tagħha. Barra minn hekk, is-soċjetà attriċi appellata inċidentalment issostni li x-xogħlijiet li s-soċjetà konvenuta tiddeskrivi bħala addizzjonali, impenjattivi u għaljin, kienu minn dejjem previsti, li kieku mhux għan-nuqqas ta' esperjenza u aġir xħiħ tas-soċjetà

konvenuta, li kienet ukoll obbligata li timminimizza d-danni. Issostni li l-appell inċidentali huwa wieħed frivolu li għandu jiġi miċħud u li s-soċjetà konvenuta kellha titlob ir-riforma tas-sentenza u mhux ir-revoka u t-tħassir tagħha, kif effettivament għamlet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti prinċipalment. Fl-ewwel lok, tqis pjuttost fieragħ l-ewwel punt imqanqal minnha meta ssostni li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata, peress li s-soċjetà E&L Enterprises Limited ma kenitx sub-appaltatriċi tagħha u li ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejniethom. Dan jingħad peress li minn qari tas-silta li għaliha tagħmel referenza l-istess appellanti, jirriżulta li l-Qorti tagħmel referenza għas-soċjetà E&L Enterprises Limited bħala s-subappaltatur tas-soċjetà konvenuta u mhux dik attriċi. Meta wieħed iqis li s-soċjetà konvenuta effettivament kienet hija nnifisha waħda mill-appaltaturi nkarigata mill-Grand Harbour Regeneration Corporation sabiex twettaq ix-xogħlijiet ta' *finishes* fuq il-Parlament, li nkarigat kemm lis-soċjetà attriċi, kif ukoll lis-soċjetà E&L Enterprises Limited parti mix-xogħlijiet li hija kellha twettaq, dawn jiġu s-subappaltaturi tas-soċjetà konvenuta, kif wara kollox jirriżulta mill-istess premessi fir-rikors promotur tas-soċjetà attriċi. Isegwi li ma saret l-ebda evalwazzjoni żbaljata da parti

tal-Ewwel Qorti meta rreferiet għas-soċjetà E&L Enterprises Limited bħala s-subappaltatur tas-soċjetà konvenuta.

18. Lanqas it-tieni punt imqanqal mis-soċjetà attriċi appellanti m'huwa korrett. Mill-kuntratt t'appalt bejn il-kontendenti fil-kawża datat 3 ta' Settembru, 2014, (ara Dok. CFS 01 a fol. 15 tal-proċess) jirriżulta li fost affarijiet oħra, kien jaqa' fil-kompetenza tas-soċjetà attriċi l-fornitura tal-materjal, it-trasport tal-pannelli għall-fabbrika fejn kellu jsir xogħol ulterjuri fuq il-pannelli, il-qtugħ meħtieġ fuq l-istess pannelli u l-armar tal-prodott bħala soffitt fil-proġett in kwistjoni, l-għodda u l-armar meħtieġ sabiex jitwettqu x-xogħlijiet. Il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kellhom jaslu Malta bejn l-10 u l-11 ta' Settembru (ara sezzjoni *Tempistiche* tal-kuntratt). Mill-provi in atti, ġustament l-Ewwel Qorti rriskontrat li l-ewwel problema li nqalgħet kienet li wara li l-materjal ġie kkonsenjat fil-fabbrika tas-soċjetà E&L Enterprises Limited, meta marru l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi sabiex jagħmlu l-qtugħ tal-pannelli, dawn "*irrealizzaw li l-fabbrika u l-għodda li tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom biex jaqtgħu l-materjal ma kinux adegwati*." F'dan is-sens hija x-xhieda permezz ta' affidavit ta' Otello Tarducci li qal ukoll "*by the 13th September, 2014, 60% of the cuttings required on the panelling had been completed by our workmen utilizing the tools provided by C. Fino & Sons Limited at E&L Enterprises premises at Hal Far as directed by C. Fino & Sons Limited.*" Din kienet proprju t-tieni problema riskontrata mill-Ewwel Qorti, dik li s-soċjetà attriċi

bdiet il-proċess tal-qtugħ tal-materjal li kellu jitlesta fi żmien pjuttost qasir u l-konvinzjoni tagħha mix-xhieda li semgħet li minkejja li x-xfafar li bdew jintużaw mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi ma baqgħux daqstant tajbin, wara li kien inqata' ċertu ammont ta' materjal, il-ħaddiema baqgħu għaddejjin.

19. Dan il-punt ġie sollevat ukoll fir-relazzjoni peritali meta fiha apparti li saret proprju referenza għax-xhieda ta' Joseph Camilleri u l-Perit Adrian Mangion (ara fol. 454 tal-proċess) li semmew il-problema tax-xfafar, irrilevat ukoll il-punt validissimu li s-soċjetà attriċi kellha tassigura ruħha li għodda tal-idejn li kienu ser jintużaw Malta kienu ser jilħqu l-aspettattivi tal-qatgħa min-naħa tal-klijent u tal-periti tiegħu. Fil-fatt huwa prinċipju aċċettat illi:

> "***e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte*"**

(Enfasi ta' din il-Qorti - ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Nicola Vella v. Luigi Agius**, deċiża fis-7 ta' April, 1923).

20. In kwantu s-soċjetà attriċi appellanti ssostni li s-soċjetà konvenuta ma kkontestatx mal-ewwel ix-xogħlijiet imwettqa minnha ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet ***Proinvest Limited v. Giljan Agius*** fejn ingħad:

> *"...hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jiġi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espressi, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u <u>hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti w ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax għal mod kif kien qed isir ix-xoghol</u>. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."*

Isegwi li ladarba x-xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi rriżulta difettuż, is-soċjetà konvenuta kellha raġuni valida sabiex tħoll il-kuntratt ta' appalt u lanqas dan il-punt ma jista' jwassal għal xi konklużjoni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata f'dak li ddeċidiet.

21. Effettivament dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti japplika wkoll għall-punt li jmiss, fejn is-soċjetà appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti m'apprezzatx li mhuwiex skont is-sengħa u l-arti li jiġi miżbugħ jew stukkjat il-*polyurethane* u li l-qtugħ tal-pannelli bl-idejn ma seta' qatt jassigura *l-linearità* assoluta u meħtieġa u li tinżamm distanza uniformi u kostanti ta' ftit millimetri bejn il-pannelli ladarba nstallati. Mix-xhieda ta' Otello Tarducci (a fol. 54 tal-proċess) u ta' Emanuel Cineri (ara fol. 438 tal-proċess) jirriżulta li l-fatt li l-pannelli kienu ser jinqatgħu u wara jiġu stukkjati u miżbugħa minn terza persuna nkarigata għal dan il-għan, mis-soċjetà konvenuta, kien ukoll parti mid-diskussjonijiet li saru bejn il-kontendenti fil-kawża fil-fażi tal-laqgħat li saru qabel ma ġie konkluż il-kuntratt t'appalt. Huwa relevanti f'dan il-kuntest is-segwenti prinċipju:

> *"min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni, nkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

(Ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Muscat v. Lawrence sive Lorry Cuschieri**, deċiża fis-26 ta' Mejju, 2006).

22. Hekk ukoll, ġaladarba r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kienu tal-fehma li kienet meħtieġa għodda speċjalizzata u professjonali sabiex jinqatgħu l-pannelli, hija kellha tirrifjuta li taqta' l-pannelli bl-idejn. Apparti minn hekk, minkejja li l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi ngħataw il-parir li jużaw ir-rigla (ara fol. 317) dawn baqgħu ma wżawx tali għodda. Dan il-punt ġie kostatat ukoll mill-perit tekniku fir-relazzjoni tagħha (ara fol. 521). Kif ingħad drabi oħra appaltatur:

> "...***la jista' jwahhal fl-ghodda, la fil-materjal li juza', la fl-intromessjoni tal-klijent u lanqas fl-istat jew il-kundizzjoni tax-xoghol preparatorju li fuqu jkun irid iwettaq ix-xoghol tieghu. L-appaltatur ghandu obbligu li jwettaq xoghol li jaghti rizultat konformi mal-htigijiet tal-klijent, u ghandu jirrifjuta jwettaq xoghol li jaf jew li messu kien jaf, mhux se jaghti rizultat utili."***

(Enfasi ta' din il-Qorti - ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Coleiro Yacht Finishes Limited v. Easysell Kia (Malta) Limited** deċiża fid-9 ta' Novembru, 2012).

23. In kwantu għar-ritratti, jiġi ppreċiżat li għalkemm fir-rassenja tal-provi miġbura mill-Ewwel Qorti saret referenza għar-ritratti esebiti mis-soċjetà konvenuta bħala prova mressqa minnha tad-difetti fix-xogħol

fornut mis-soċjetà attriċi, u li skont is-soċjetà konvenuta huma prova li x-xogħol da parti tas-soċjetà attriċi ma sarx skont is-sengħa u l-arti, daqstantieħor l-Ewwel Qorti għamlet referenza għax-xhieda ta' Tarducci fis-sens li kien tal-fehma li dawn ir-ritratti ma kenux jindikaw xogħol li kienu ħadmu fuqu impjegati tas-soċjetà attriċi, u li dan ma kellu x'jaqsam xejn max-xogħol eżegwit minnhom. Fil-verità dawn ir-ritratti (esebiti a fol. 19 sa 35) kienu parti mill-*Non-Conformance Report* (Dok CFS 02 a fol. 18) datat 2 ta' Ottubru, 2014, maħruġa mill-periti tal-klijent tas-soċjetà konvenuta. Din il-Qorti ma tqisx li b'daqshekk l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq l-imsemmija ritratti, iżda aktar ibbażat ruħha fuq ir-rapport tekniku tal-perit inkarigat minnha, peress li l-materja fil-każ in eżami kienet waħda pjuttost teknika, li wasslet għall-konklużjoni li "*x-xogħol tal-qtugħ tal-pannelli ma sarx skont is-sengħa u l-arti*".

24. Mix-xhieda ta' Joe Camilleri (E&L Enterprises Limited) jirriżulta li minkejja li seta' mal-ewwel jikkostata li x-xogħol ta' qtugħ kien sar ħażin, ippruvaw jirranġaw il-pannelli bix-xogħol ta' stukkjar u żebgħa, iżda meta l-klijent tas-soċjetà konvenuta rriġetta x-xogħol, ippruvaw diversi soluzzjonijiet oħra. Il-fatt li x-xogħol fuq il-pannelli ma kienx skont is-sengħa u l-arti kien pjuttost viżibbli, tant li l-istess rappreżentanti tas-soċjetà aċċettaw dan (għalkemm huma jwaħħlu fix-xogħol imwettaq mis-soċjetà E&L Enterprises Limited). In kwantu s-soċjetà konvenuta baqgħet tipprova ssib soluzzjoni għall-problema tax-xogħol fuq il-pannelli

u li għamlet użu mill-istess pannelli forniti mis-soċjetà attriċi, ifisser biss li hija mminimizzat id-danni, kif kellha kull obbligu li tagħmel, sabiex fl-aħħar tasal li tagħti prodott aċċettabbli lill-klijent tagħha fiż-żminijiet pattwiti. In kwantu s-soċjetà appellanti tilmenta dwar it-terminazzjoni *ad nutum,* fil-verità l-liġi tagħti d-dritt lil min jagħti x-xogħol li jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, minkejja li x-xogħol ikun inbeda (ara Artikolu 1640(1) tal-Kodiċi Ċivili). Il-liġi tagħti din l-għażla unilaterali lill-kommittent imqar jekk dan jiddeċiedi li jtemm l-appalt għal kull raġuni li jfettillu. F'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti (Appell Kummerċjali fil-kawża fl-ismijiet **Accountant Generali et v. Ellul Sullivan *noe et*** deċiża fl-14 ta' Ġunju, 1989, (Kollez. Vol. LXXIII.ii.538), kif ċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Wayne Chetcuti et v. Raymond Borg.**) Wara li din il-Qorti fliet il-provi in atti, ma ssib xejn x'tiċċensura fl-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti.

25. Imiss li jiġi trattat l-aggravju tas-soċjetà attriċi fejn tilmenta li l-Ewwel Qorti adottat il-konklużjonijiet tal-perit tekniku li kienu żbaljati u li dan wassalha għal deċiżjoni żbaljata, meta dan fil-fehma tagħha kellu jiġi skartat. Għandu jingħad li għandha raġun is-soċjetà konvenuta meta fir-risposta tagħha ssostni li huwa prinċipju assodat li l-Qorti ma tiskartax il-*giudizio dell'arte* faċilment. Għalkemm il-Qorti mhix marbuta mal-konklużjonijiet li jaslu għalihom il-periti tekniċi nominati minnha fir-rapporti

tagħhom, kontra l-konvinzjoni tagħha (Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), tali rapporti jservu biss biex jassistu lill-qrati u mhux biex jorbtuhom (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*). Iżda minkejja li l-Qorti għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tqis dawk l-elementi tal-prova li jinstabu fil-proċess, inkluż ir-rapport peritali, l-istess rapport ma jistax jiġi skartat kapriċċożament jew leġġerment, iżda biss f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet serji għaliex dan għandu jiġi skartat (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima et v. Knightsbridge Development Limited** deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2022). Dan peress li, fl-aħħar mill-aħħar, il-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti jikkostitwixxu skont il-liġi, prova ta' fatt li għandha tkun meqjusa bħala tali. Fil-fatt tajjeb jingħad ukoll li, il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun mgħarrfa sewwa u bbażata fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju dik l-opinjoni teknika u b'raġunijiet li ma jkunux nieqsa minn konsiderazzjonijiet tekniċi dwar il-materja in eżami. (Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Grech et v. L-Avukat Dr. Antoine Cachia et,** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023).

26. F'din l-aħħar sentenza ngħad ukoll li l-*giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija ta' talba għall-ħatra ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, sakemm ma jkunx

jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1967, Kollez. Vol. LI.i.389, fil-kawża fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et v. Emanuele Muscat et**).

27. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, minkejja li saret l-eskussjoni tal-perit tekniku appuntat mill-Ewwel Qorti kemm permezz tal-mistoqsijiet bil-miktub, kif ukoll bil-fomm, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-istess perit baqgħet konsistenti fit-tweġibiet tagħha. Barra minn hekk, wieħed bilfors jistaqsi kif is-soċjetà attriċi naqset milli ssegwi t-talba tagħha għall-ħatra ta' periti addizzjonali (ara fol. 533) ġaladarba hija tal-konvinzjoni li r-relazzjoni tal-istess perit tekniku hija mifnija bi żbalji. Sa fejn is-soċjetà attriċi tagħmel enfasi fuq l-elementi perimetrali u li l-perit donnha ma tatx piż li dan kien suġġett ta' *email* tas-27 ta' Awwissu, 2014, fejn hija kienet wissiet lis-soċjetà konvenuta dwar il-*chiusure perimetrali,* konvenjentement s-soċjetà attriċi tagħmel referenza biss għall-ewwel sentenza tat-tweġiba tal-perit bil-miktub, mentri l-istess perit wieġbet fis-sens li:

> *"L-użu tal-U bar jew L bar iva hija soluzzjoni biex ix-xogħol isir sew irrispettivament jekk il-qatgħa tkunx saret sew jew. Il-kwistjoni hawnhekk imma huwa x'ġie miftiehem qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt u fix-xhieda rriżulta li fl-ewwel laqgħat li saru qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt, C Fino & Sons kienu wrew sample li kien nqata' sew u li ġie stukkjat u sprejjat mill-E&L Enterprise Limited li kienet l-istess kumpannija li għamlet l-istess xogħol fuq pannelli li pprovdu l-ITAL TVT.* ***Il-ftehim sar fuq il-premessa li x-xogħol kellu jkun tal-istess livell ta' dan is-sample. Fuq dan is-sample ma kien hemm l-ebda U bar jew L bar."*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Apparti minn hekk, waqt l-eskussjoni bil-fomm, l-istess perit saħqet:

> "*Mela jekk intużat guide rail il-qata' kienet tiġi ħafna aħjar u anke jekk ovvjament inbiddlu l-ixfafar....*
> *...insostni li l-kwistjoni tal-kampjuni kien essenzjalissimu. Essenzjalissimu sew dak u sew li jsir kampjun bil-qata'.*
> *...irriżulta mix-xhieda kien li l-kampjun li nftiehem fil-bidu nett u fuq x'hiex ġie l-agreement, ma kienx l-istess kampjun li ntuża on site. Dik ma saritx li fil-fehma tiegħi dawn huma żewġ affarijiet li iddisgwidaw kompletament l-affarijiet.*"

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jiġi milqugħ.

28. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-appell prinċipali, dak dwar il-kap tal-ispejjeż. Fil-verità, din il-Qorti ssib li għandha raġun is-soċjetà attriċi appellanti tilmenta f'dan ir-rigward. Għalkemm huwa minnu li ma ġewx milqugħa l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi (dawk marbuta mat-telf ta' qligħ prospettat u mad-danni, peress li tqies li l-kuntratt t'appalt ġie terminat għal raġuni valida), jibqa' l-fatt li ntlaqgħu erba' talbiet attriċi, u ġie likwidat bilanċ favur is-soċjetà attriċi. Isegwi li jkun ġust li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż, sabiex jirrifletti aħjar dak li jipprovdi l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-ispejjeż jiġu maqsuma bejn il-partijiet fil-kawża, skont it-telf li ġarrbet kull parti. Għalhekk jitqies xieraq li jkun hemm aġġustament fil-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata.

29. Imiss li jiġi trattat l-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta fejn tikkontesta s-sentenza appellata sa fejn laqgħet it-tielet, ir-raba', il-ħames

u s-sitt talbiet attriċi, kif ukoll il-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti tal-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi. Jibda billi jiġi osservat li huwa minnu li strettament is-soċjetà konvenuta appellanti inċidentalment, ma kellhiex għalfejn tressaq kontro-talba, in kwantu l-azzjoni attriċi hija msejsa wkoll fuq l-Artikolu 1640 (3) tal-Kodiċi Ċivili (għalkemm fir-rikors promotur jissemma l-Artikolu 1639(3)), li jipprovdi li fejn l-appaltant ikun temm il-kuntratt għal raġuni valida, l-appaltant irid iħallas lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed min-nefqa li jkun għamel l-appaltatur u l-prezz tax-xogħol, li jkun laħaq ta, wara li jittieħed qies tas-siwi ta' dak ix-xogħol u ta' dik in-nefqa lill-appaltant u kif ukoll tad-danni li l-appaltant ikun ġarrab minħabba t-twettiq (ħażin) jew nuqqas ta' twettiq. (Ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Novembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Francis Busuttil & Sons Ltd. v. Christopher Apap et** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2014). Dan ifisser li d-danni mġarrba mis-soċjetà konvenuta setgħu faċilment jidħlu fl-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-ammonti dovuti lis-soċjetà attriċi.

30. Madankollu, xorta kien jispetta lis-soċjetà konvenuta bħala l-appaltant li tressaq provi in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha għad-danni. Għandha raġun is-soċjetà attriċi meta fir-risposta tal-appell tagħha toġġezzjona għad-dokumenti ppreżentati mal-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta. L-appell inċidentali sar fit-12 ta' Novembru 2018, meta l-Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qabel

l-emendi magħmula bl-Artikolu 3 tal-Att XXXII tal-2021, kien jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda flimkien mar-rikors tal-appell, mat-tweġiba u mar-replika. Dan l-artikolu iżda ġie interpretat hekk fi provvediment mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Josef Farrugia v. Christopher Carabott et**:

> *"7. Dan l-artikolu jidher illi qiegħed jagħti dritt inkondizzjonat lill-partijiet illi jippreżentaw kull dokument li jsaħħaħ it-talbiet jew l-eċċezzjonijiet, skond il-każ, mingħajr restrizzjoni. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tinqara u tiftehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' qorti ta' reviżjoni, fis-sens illi din il-qorti ma għandhiex, bħala regola, tqis provi illi ma nġibux quddiem qorti tal-ewwel grad għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħda ċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju. Jingħad "bħala regola" għax jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-interessi tal-ġustizzja jitolbu li ssir eċċezzjoni għar-regola, bħal meta d-dokumenti setgħu jinġiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza tagħhom feġġet biss fid-dawl ta' dak li jingħad fis-sentenza appellata.*
>
> *8. Fil-każ tallum, iżda, mhux biss id-dokumenti kienu faċilment aċċessibbli għall-attur, … … … Jekk, allura, dawn id-dokumenti jinġiebu f'dan l-istadju din il-qorti tkun qiegħda effettivament taqdi l-funzjoni ta' qorti tal-ewwel grad billi tqis għall-ewwel darba provi ġodda.*
>
> *9. Għandu jingħad ukoll illi jekk din il-qorti faċilment tippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda quddiemha b'interpretazzjoni wiesgħa tal-art. 145, tkun qiegħda tistultifika kull tentativ tal-qrati tal-ewwel grad li jirregolaw il-ġbir ordinat tal-provi billi jinsistu illi dokumenti jinġiebu tempestivament u fi żmien utli biex il-qorti u l-parti l-oħra teżaminahom qabel is-smigħ u mhux, bħal ma spiss jiġri, jiġu prodotti dokumenti waqt is-smigħ u hekk tinħoloq il-ħtieġa għal differiment "għall-eżami tad-dokumenti". Jekk id-dokumenti jistgħu jinġiebu liberament flimkien mar-rikors tal-appell, parti tkun tista' tisfida b'impunità kull ordni mogħtija minn qorti tal-ewwel grad għal dan il-għan."*

31. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, id-dokumenti mehmuża mal- appell inċidentali huma dokumenti li kienu jeżistu sa mill-2014 u 2015 u għalhekk setgħu u messhom inġiebu quddiem l-Ewwel

Qorti fil-mori tal-kawża u ma ngħatat l-ebda raġuni valida għala dawn ma tressqux quddiem l-Ewwel Qorti. Barra minn hekk, id-dokumenti esebiti huma biss kopja li lanqas ma huma awtentikati kif trid il-liġi. Għalhekk il-Qorti mhux ser tqis dawn id-dokumenti mehmuża mal-appell inċidentali.

32. Minkejja li din il-Qorti tista' tifhem l-argument tas-soċjetà konvenuta fis-sens li l-utilità tal-prodott tonqos korrispettivament għax-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru, fil-kuntest tal-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-parti l-kbira tal-pannelli li ntużaw fis-sit kienu dawk forniti mis-soċjetà attriċi, jibqa' l-fatt li s-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar l-ispejjeż li hija daħlet fihom konsegwenza tax-xogħlijiet rimedjali intrapriżi minnha. Lanqas ma jreġi l-argument tas-soċjetà konvenuta appellanti fejn tippretendi li jitnaqqsu l-pagi tal-ħaddiema tas-soċjetà attriċi mil-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, in kwantu tikkontendi li dawn kienu spejjeż inutili. Dan jingħad peress li mix-xhieda tal-Perit Matthew Cachia Zammit, inkarigat mis-soċjetà konvenuta, rriżulta li għalkemm kien aċċenna verbalment li x-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà attriċi ma kinux aċċettabbli, kien biss meta nħareġ id-dokument minn Bovis Land Lease (Dok. CFS 02) ta' *Non-Conformance Report* datat 2 ta' Ottubru, 2014, li dawn il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi ngħataw struzzjonijiet sabiex jieqfu (ara fol. 379). Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni magħmula minnha tal-

bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi. Kwindi ma tqisx li l-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta jimmerita li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt din il-Qorti tiddisponi mill-appell inċidentali mressaq mis-soċjetà konvenuta billi tiċħad l-istess, tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali mressaq mis-soċjetà attriċi billi tilqgħu limitatament f'dak li għandu x'jaqsam mal-kap tal-ispejjeż. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, tħassar il-kap tal-ispejjeż u minflok tordna li l-ispejjeż tal-kawża in prim'istanza, għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti fil-kawża, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija tal-mertu ta' dak hemm deċiż.

Bl-ispejjeż tal-appell prinċipali jinqasmu in kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) jkunu a karigu tas-soċjetà attriċi u terz ($^1/_3$) a karigu tas-soċjetà konvenuta, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu a karigu tal-istess soċjetà konvenuta C. Fino & Sons Limited.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr